MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-10 ta' April, 2015

Numru. 363/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Mark Vella Gera**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Mark Vella Gera** ta' 44 sena mwieled fis- 7 ta' Gunju 1970 gewwa tas-Sliema, iben Walter u Ina nee' Pantalleresco residenti Flat 3, Pacha Avenue, Triq Hal Mula, Zebbug, Malta. Detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 275970M;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' April 2015 u fix-xhur u snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ipartecipajt f'attivitajiet sesswali ma diversi minuri. (Art 204 c (1) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta).

2. B'ghemil zieni, ikkorrompejt lill Mattias Zammit minuri ta' 13 il sena, lill Samuel Gauci minuri ta' 12 il sena u/jew persuni ohra. (Art 203 (1) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta).

3. Permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ipproponejt li tiltaqa' ma persuna ta' taħt l-eta' bil- ħsieb li jitwettaq xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inkluzi, u 208A u dik il-proposta giet segwita b'atti materjali li wasslu għal dik il-laqgħa. (Art 208AA 1 ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta).

4. Ghamilt jew ipproduċejt jew ippermettejt li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċejt, qassamt, xerridt, importajt, esportajt, offrejt, bieghejt, issupplixxejt, ittrasmettejt, ghamilt disponibbli, akkwistajt ghalik innifisek jew għal ħaddieħor, jew urejt dak il-materjal indeċenti ta' persuni ta' taht l-eta. (Art 208A ta' Kap 9 tal ligijiet ta' Malta).

5. Akkwistajt, xjentament akkwistajt access permezz ta’ teknologiji ta’ informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellek fil pussess tieghek, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta’ jew jirraprezenta xi persuna ta’ taht l-eta’.(Art 208A (1B) ta’ Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li jekk jidrilha xiraq tordna ordni ta' trattament skond l-Art 412 D ta' kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Aktar talli kkomettejt reat waqt iz-zmien operattiv ta’ sentenza sospiza liema sentenza inghatat mill Qorti tal-Magistrati Malta mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D. fit-22 ta’ April, 2008.

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi;

Rat il-Ligi senjatament l-Art. 204 c (1), l-Art. 203 (1), l-Artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inkluzi, u 208A, l-Art. 208AA 1, l-Art. 208A (1B), ilkoll tal-Kap.9;

Rat is-Sentenza moghtija fit-22 t’ April, 2008;

Rat is-serjeta’ ta’ l-akkuzi liema akkuzi jinvolvu persuni ta’ eta zghira li l-Qorti jinhtieg li tipprotegi minn persuni bhal l-akkuzat;

Fic-circkostanzi ssib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha, qieghdha tikkundannah piena karcerarja ta' hames (5) snin u qieghha tordna lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex tul il-perjodu ta' detensjoni l-akkuzat jinghata l-kura psikjatrika kollha mehtiega sabiex l-akkuzat ma jergax jikkommetti tali reat u ghalhekk qieghdha tissuggerixxi li jitqieghed fil-*Forensic Ward* ta' l-Isptar Monte Carmeli ghal dan il-ghan.

Il-Qorti tordna li huwa jigi registrat fir-Registru, skond il-Kap 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------